MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 56**

**Il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2023**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2023, fl-10:00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

**Assenti:** Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**Minuti;**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**56.1 Talba;**

56.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-10:00 a.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**56.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

56.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**56.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 55;**

56.3.1 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 55 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

**56.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

56.4.1 Il-kuntratt tad-devoluzzjoni tas-sit tal-Għajn il-Kbira ġie emendat u ffirmat kemm mis-Sindku, mill-Aġent Segretarju kif ukoll minn uffiċċjal tal-Awtorità tal-Artijiet;

56.4.2 Inġabar il-kuntratt li kien sar mar-Reġjun Għawdex dwar l-*Electric Pedal Cycles* mill-Uffiċċju Reġjonali, għalhekk issa trid toħroġ is-sejħa biex dawn l-EPC jiġu użati;

56.4.3 L-Għaqda tan-Nar Fontana rtirat il-korrispondenza li kienet bagħtet fejn talbet għajnuna finanzjarja fil-ħruq tan-nar tal-art lejlet il-festa;

56.4.4 Sar il-*binding* tal-Minuti tas-Sitt Leġslatura u issa jmiss li jsiru tas-seba' Leġislatura;

56.4.5 Tqassmu 25 ikla lil persuni anzjani li jgħixu waħedhom fl-okkażjoni tal-festa titulari. Dawn tqassmu mis-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia;

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

56.4.6 Għall-Pontifikal tal-festa mmexxi mill-E.T. il-Kardinal Mario Grech fl-okkażjoni tal-mitt sena tal-istatwa titulari, attendew is-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef Carmel Farrugia; Peress li ma saritx stedina bħas-soltu, qagħdna ħdejn il-bieb ta'barra b'mod informali.

56.4.7 Intużat il-van għall-ewwel darba biex tagħti servizz lill-anzjani li talbu trasport għall-pellegrinaġġ li sar għall-Katidral bl-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù nhar il-Ġimgħa 2 ta' Ġunju;

56.4.8 Saret FestaTfal li ġiet posposta mit-8 ta' Ġunju għas-Sibt 10 ta' Ġunju minħabba l-pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù mill-Parroċċa ta' San Ġorġ lura lejn il-Parroċċa tal-Fontana. Din il-festa, li kienet suċċess, bdiet b'dimostrazzjoni bl-istatwa l-ġdida tal-Qalb ta' Ġesù akkumpanjata mill-banda 'Allegro Clefs', bis-sehem ta' bosta tfal u żgħażagħ immexxija mill-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana. Telqet minn Pjazza Santu Wistin u mxiet tul Triq il-Għajn, Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali u parti minn Triq Ta' Mulejja għal fuq iz-zuntier fejn l-istatwa ġiet imbierka mill-Kappillan tal-Parroċċa. Wara ġie organizzat logħob permezz ta' *Bouncy Castle* u *Face Painting* fuq iz-zuntier. Kienet ipprogrammata wkoll il-parteċipazzjoni tal-*Community Police* iżda dawn ma setgħux ikunu preżenti dakinhar.

56.4.9 Nhar l-Imnarja ġiet organizzata ħarġa f'Malta, li għaliha attendew 16-il persuna fosthom is-sindku. Il-grupp żar il-ġonna tal-Buskett fejn kien hemm il-wirja tal-Imnarja umbagħad mar ukoll għal-żjara fil-Belt Valletta u wara stabiliment kummerċjali fil-Mosta.

56.4.10 Saret rampa ġdida li tiffaċilita l-aċċess għaċ-Ċentru Parrokkjali kif kellha ssir skont kif inħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar xi snin ilu u li l-Kunsill preċedenti kien ta l-permess lill-Parroċċa biex din tkun tista' ssir. Din ir-rampa saret mill-Ministeru għal Għawdex minkejja li l-Kunsill ma ġiex infurmat.

56.4.11 Ġie ffirmat il-kuntratt tat-tkomplija taċ-Ċentru Ċiviku mis-Sindku Saviour Borg u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Josianne Cassar u s-sur Victor Hili għan-nom tal-kumpanija 'Little Rock Quarry' li ġiet inkarigata biex tagħmel dawn ix-xogħlijiet.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**56.5 Tkomplija tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku;**

56.5.1 Dwar il-proġett tat-tkomplija taċ-Ċentru Ċiviku s-Sindku ppropona u ġie deċiż illi jiġu mqabbda Galea Curmi Engineers, li kienu ħadmu fuq dan il-proġett, biex jippreparaw il-pjanti tad-dawl.

56.5.2 Għandu jibda wkoll il-proċess biex isiru l-preparamenti għax-xogħol tal-porfido ta' fuq is-saqaf tal-proġett.

**56.6 Ħruġ u għoti t'offerti;**

56.6.1 F'din il-laqgħa ma kienx hemm offerti x'joħorġu.

**56.7 Proġetti tal-Kunsill;**

56.7.1 Intalbet kwotazzjoni mingħand l-aġent tal-*playhouse* għat-tneħħija sabiex ikun jista jsir il-proġett tal-*Playing Field*. Ġie kkwotat l-ammont ta' €649 sabiex iżarmawha u €767 sabiex terġa tintrema wara li jitlesta l-proġett. Is-Sindku ser ikellem lil Zammit Aluminium sabiex jara hux lest li jneħħiha hu.

56.7.2 Dwar il-proġett tal-*Playing Field* il-kuntrattur bagħat korrispondenza lill-Kunsill fejn irrimarka illi skont id-dokument tal-offerta m'hemm xejn x'jindika li jrid jinġab kampjun tal-materjal qabel jiġi ordnat. L-ammont ta' €350 irid jiġi applikat jekk il-Kunsill irid kampjun ieħor. Il-Kunsill għamel kuntatt mal-kuntrattur waqt il-laqgħa u ġie deċiż illi dan għandu jagħmel l-ordni tal-porfido biex ikun jaqbel mal-parti ta' quddiem ta' ħdejn il-proġett.

56.7.3 Is-Sindku ssuġġerixxa illi jitqabbad l-Enġinier Simon Mizzi għall-proġett tal-*Playing Field*, biex jagħmel il-pjanti ta' kif ser jitpoġġa l-apparat tal-logħob u l-*gym equipment*. Il-Kunsill qabel.

**56.8 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti;**

56.8.1 Ċirkulari AKL 2023/044 bis-suġġett Laqgħa Plenarja 17 ta' Ġunju 2023.

56.8.2 Ċirkulari AKL 2023/045 bis-suġġett LESA - Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal.

56.8.3 Ċirkulari AKL 2023/048 bis-suġġett Notifika dwar ġbir ta' skart nhar l-Erbgħa 7 ta'Ġunju 2023.

56.8.4 Ċirkulari AKL 2023/049 bis-suġġett *Survey of locally elected politicians for the European Committee of the Regions*.

56.8.5 Ċirkulari AKL 2023/050 bis-suġġett *National Stem Awards* 2023.

56.8.6 Ċirkulari AKL 2023/052 bis-suġġett *Meeting in Gozo re Charging Pillar installations in Gozitan localities*.

56.8.7 Ċirkulari AKL 2023/053 bis-suġġett *Clean up – Ministry for Environment*.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

56.8.8 Ċirkulari AKL 2023/054 bis-suġġett *Summer Gala Dinner* 2023.

56.8.9 Ċirkulari AKL 2023/055 bis-suġġett *Scholarship Schemes within MEYR.*

56.8.10 Ċirkulari AKL 2023/058 bis-suġġett *'Blue Hearts Campaign' Request to light up Local Councils and main buildings in blue* – 22-30*th July* 2023. Il-Kunsill qabel illi jipparteċipa f'din l-inizjattiva biex titqajjem kuxjenza dwar il-*Blue Heart Campaign*.

56.8.11 Ċirkulari AKL 2023/059 bis-suġġett *CoastWAVE Tsunami workshop*.

56.8.12 Ċirkulari AKL 2023/060 bis-suġġett *Local Councils which have AEDs installed in their locality*.

56.8.13 Korrispondenza mill-AKL dwar apprezzament għal dawk li attendew għall-Plenarja u tfakkira għall-attività li ser issir fit-22 ta' Lulju 'Kewkba-Lejla Lokali'.

56.8.14 Ċirkulari Numru 12/2023 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Termini u Kundizzjonijiet ġodda tal-Fond tal-Ko-Finanzjament'.

56.8.14 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali marbuta mal-*Procurement Policy No.* 25.

56.8.15 Id-Direttorat tal-Istrateġija fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar Espressjoni ta' Interess: *The World Cleanup Campaign* 2023 (SPI/SCI/03/2023).

56.8.16 Is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali bagħat stedina għal quddiesa ta' ringrazzjament li ser issir fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2023 fl-okkażżjoni tat-30 sena annivervarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.  Wara ser isir riċeviment tal-okkażjoni.

56.8.17 Reġjun Għawdex rregala diversi kotba li jolqtu l-etajiet kollha lill-Kunsilli Għawdxin għall-libreriji lokali.

56.8.18 Reġjun Għawdex bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Kampijiet tas-sajf għat-tfal Ukreni 2023'.

56.8.19 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex dwar talba sabiex tiġi diskussa materja relatata mal-iskema ta' finanzjament – Komunitajiet aktar siguri u organizzati.  Il-Kunsill qabel li jkun parti fit-talba kollettiva.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

56.8.20 L-Avukat Mariella Silvio bagħtet emejl lill-Kunsill sabiex jiċċara parti mill-*Bye Law* proposta mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jitlob l-għajnuna tal-Avukat Chris Said li kien parti mit-tfassil tagħha.

56.8.21 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Magni tal-EPOS fil-Kunsilli Lokali'. Ġie ssuġġerit lill-Kunsill sabiex jesplora l-offerti kollha fis-suq inkluż magni li jaċċettaw il-*cards* kollha. Il-Kunsill qabel illi jara x'inhuma r-rekwiżiti biex tinġab waħda fl-uffiċċju tal-Kunsill.

56.8.22 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Sponsorshios for Distance Learning Modules at Master's Level with King's College London'.

56.8.23 Korrispondenza bis-suġġett 'Migration to SharePoint Services for Enhanced Collaboration' mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

56.8.24 Id-Direttur għall-Gvern Lokali bagħat emejl lill-Kunsill fejn infurmah bir-Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' *Caravans* f'lokalitajiet.

56.8.25 Il-Ministeru għal Għawdex bagħat korrispondenzi bis-suġġett 'Gozo Cultural Calendar – Invitation' u 'International Island Games 2023'.

56.8.26 Korrispondenza mill-Ministeru għal Għawdex dwar *repatching* fi Triq il-Qalb ta' Ġesù. Ġie nnotat li r-ritratti mibgħuta ma din il-korrispondenza kienu jindikaw li t-triq kienet Triq il-Għajn li taqà taħt il-Ministeru għal Għawdex u mhux Triq il-Qalb ta' Ġesù kif kien indikat. Il-Ministeru ġie nfurmat b'dan u fakkar fil-korrispondenza li ntbagħtet fid-9 ta' Ġunju 2023 dwar l-importanza tat-tiswija ta' din it-triq.

56.8.27 *Transport* Malta bagħtet korrispondenza fejn infurmat lill-Kunsill illi mit-3 ta' Lulju 2023 l-permessi jistgħu jingħataw mis-7.00a.m. peress li l-iskejjel huma magħluqa. Il-Kunsill qabel illi jingħataw mit-8.30a.m. 'l quddiem.

56.8.28 L-Aġenzija LESA bagħtet korrispondenza dwar is-CCTVs fil-lokalitajiet.

56.8.29 Il-Perit Lisa Spiteri mill-Uffiċċju tal-Perit Stellini bagħtet korrispondenza dwar PA 2393/23. Intalbet il-*clearance* tal-Kunsill għal din l-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel illi jagħmel kuntatt mal-Perit Stellini biex jagħti r-raġuni għal dan peress li qatt ma kien il-każ.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

56.8.30 Il-*Gozo Action Group Foundation* stiednu lill-Kunsill għall-*Annual General Meeting* li ser isir fit-30 ta' Ġunju fil-*Gozo NGO Centre* fix-Xewkija.

56.8.31 Il-*Gozo Regional Development Authority* bagħtet korrispondenza lill-Kunsill sabiex ikun parti fl-applikazzjoni LEADER.

56.8.32 Il-Kappillan tal-Parroċċa bagħat emejl lill-Kunsill dwar il-kont tal-Banda La Stella li l-Kunsill kien offra li jħallas tal-pellegrinaġġ storiku bl-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù nhar it-8 ta' Ġunju peress li ġie pospost mis-7 ta' Ġunju minħabba l-maltemp. Dan sar mill-Bażilika ta' San Ġorġ sal-Knisja Parrokkjali fejn attendew ħafna nies. Il-kont hu ta' €1,200. Il-Kappillan semma wkoll li jixtieq jgħaddi tifkira taċ-ċentinarju biex tinżamm fl-uffiċini tal-Kunsill. Huwa ġie mistieden jagħmel dan fil-laqgħa tal-Kunsill. Fil-fatt huwa attenda għall-laqgħa tal-Kunsill fejn ippreżenta kwadru ta' kopja ta' nċiżjoni tal-istatwa titulari tal-Qalb ta' Ġesù lis-Sindku f'isem il-Kunsill, filwaqt li rringrazzja lill-Kunsill tas-sapport kontinwu.

56.8.33 Stedina mill-Arċipriet tax-Xagħra għall-quddiesa tat-8 sibt tal-Bambina nhar is-Sibt 19 t'Awwissu 2023 fl-okkażżjoni tal-50 Sena mill-Inkurunazzjoni tal-Istatwa ta' Marija Bambina.

56.8.34 Resident talab sabiex tinżebaħ mill-ġdid *STOP sign* fi Triq il-Għajn kantuniera ma' Triq il-Qalb ta' Ġesù.

56.8.35 Talba sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq il-Għajn kantuniera ma Triq ta' Mulejja, fejn hemm il-proġett tat-tkomplija taċ-Ċentru Ċiviku. Ser jintalab il-permess ta' *Transport* Malta.

56.8.36 Resident ilmenta minn sinjali sofor li saru dan l-aħħar quddiem il-proprjetà tiegħu fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Huwa qal illi ma jistax jipparkja kif kien jagħmel qabel ma saru t-tabelli u rrimarka li s-sitwazzjoni hija kontradittorja mat-tabella tal-parkeġġ li hemm imwaħħla direttament fuq dawn il-linji. Il-Kunsill qabel illi jivverifika s-sitwazzjoni.

56.8.37 Residenta talbet sabiex tabella u mera mwaħħla ma' kanna quddiem il-proprjetà tagħha tinqala u teħel dirett mal-faċċata tad-dar, sabiex din il-kanna tkun jista t inqala biex tkun tista tagħmel l-isem tad-dar u dawl mal-faċċata. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dik il-mera saret mill-Ministeru għal Għawdex lil resident biex ikun jista joħroġ mill-garaxx u l-Kunsill qatt ma ġie nfurmat. Wara li r-residenta ngħatat permess biex titkellem waqt il-laqgħa saret diskussjoni u l-Kunsill qabel illi jitlob lis-sezzjoni

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

nkarigata minn dan ix-xogħol fil-Ministeru għal Għawdex sabiex il-mera tiġi mressqa ftit ċentimetri 'l fuq.

**56.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

56.9.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**56.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 44/2023 għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Ġunju 2023 u t-30 ta' Ġunju 2023 li tammonta għal €15,007.67 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispejjeż relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar ta' Ġunju.

**56.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet f'12.05pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 25 ta' Lulju 2023 fl-4.00 ta' wara nofsinhar b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem. Il-ħin tal-laqgħa ġie deċiż bi qbil unanimu bejn il-membri.

Konfermati, llum it-Tlieta, 25 ta' Lulju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Saviour Borg | Josianne Cassar |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA